MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Mandat Numru. 42/2013/1

**Mark Muscat**

**-vs-**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti preżentat fid-11 ta’ Jannar 2013;

Rat id-digriet tagħha tal-istess jum fejn laqgħet proviżorjament it-talba tiegħu u ordnat li r-rikors jiġi notifikat bid-dritt ta’ risposta;

Rat ir-risposta tas-soċjeta’ intimata;

Rat l-atti u dokumenti esebiti mill-partijiet;

Semgħet lil abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2013;

Ikkunsidrat;

Li l-fatti li wasslu għal dan il-każ kien li fl-24 ta' Settembru 2012, l-Union li tagħha r-rikorrenti huwa membru u rappreżentant (MUBE) ordnat azzjoni industrijali. Jidher li meta r-rikorrenti ħareġ minn fuq il-post tax-xogħol tiegħu huwa ħa miegħu mingħajr ma nduna xi dokumenti li bi żvista huwa ħalla fil-*garage* tal-bank u dawn ftit wara sparixxew. Jidher li għalkemm il-filmati disponibbli juru lir-rikorrent ipoġġi d-dokumenti (*files*) ma jeżisti ebda filmat li jindika min ħadhom u neħħiehom minn hemm.

Illi s-soċjeta' intimati qabel xejn qed teċċepixxi li l-Qorti m'għandhiex kompetenza tisma' u tiddeċiedi fuq il-ħruġ tal-mandat peress li hija materja ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Il-Qorti pero' ma taqbilx – dak it-Tribunal għandu kompetenza jisma' każijiet ta' tkeċċija u **sa issa** dawn l-estremi ma jirriżultawx fil-każ odjern. Għalhekk hija din il-Qorti li għandha kompetenza tiddeċiedi. L-eċċezzjonijiet l-oħra jirrigwardjaw il-mertu tal-każ – uħud minnhom fil-mertu jekk ir-rikorrenti huwiex ħati tal-addebiti li l-Bank qed jallega u li allura fihom ċertament li l-Qorti f'dan l-istadju mhux se tidħol. Infatti:

*Il-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jippreskrivi kategorikament illi l-Qorti m'għandhiex toħroġ dan il-mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u li dan ir-rikorrent '**prima facie**' jidher li għandu dawn id-drittijiet. Dan it-tieni rekwisit ... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv u ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddjiet jidhru ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall finijiet tal-ħruġ tal-mandat. ("**Sonia Grech vs Stephanie Manfre"** – Qorti tal-Appell, 14 ta' Lulju 1988).*

Illi kwindi fi stadju meta l-Qorti trid tiddeċiedi a bażi ta' dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn ma tistax tidħol fil-mertu proprju tal-każ.

Illi mingħajr dubju pero' dak li wassal għal dawn il-proċeduri kienu fatti li ġraw waqt tilwima industrijali. Jirriżulta nfatti anke mill-atti ta' dawn il-proċeduri, illi l-Malta Union of Bank Employees li tagħha r-rikorrenti huwa rappreżentant fuq il-post tax-xogħol tiegħu, ġja' ottjeniet f'dak ir-rigward, il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-Bank biex ma jiġux mibdula ċerti artikoli tal-ftehim kollettiv viġenti. Huwa naturalment diskutibbli jekk l-azzjoni li dwarha l-Bank irid iressaq lir-rikorrent quddiem Bord ta' Dixxiplina, hijiex ***per se*** *'in contemplation or furtherance of a trade dispute'* u allura protetta mill-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452). Biss dik trid tkun materja li l-Qorti li tiġi adita bil-kawża li ssegwi trid tidħol aktar fid-dettall. Lil din il-Qorti jirriżultalha biss li *prima facie* **jista jkun** hemm l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni partikolari. Huwa ukoll evidenti għall-Qorti li m'għandha tittieħed ebda azzjoni fir-rigward tal-konvenut sakemm jiġi deċiż dak il-punt u kwistjonijiet oħra relatati mal-fatti tal-każ in kwistjoni għaliex altrimenti r-rikorrenti jista' jsofri preġudizzju li diffiċli li jiġi radrizzat eventwalment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tikkonferma definittivament id-digriet tal-11 ta' Jannar 2013 u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub minnu fir-rikors promotorju.**

**L-ispejjeż ta' dawn l-atti jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------